**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 05 ta' Lulju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 270/2020 AF**

**Yorgen Fenech**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u b'digriet moghti fir-Rikors Numru 270/2020/1, il-Qorti ordnat li jissejhu fil-kawza l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia[1]**

[1] Fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2021 quddiem il-Qorti tal-Appell, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju fejn ghandu jaqra "Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat, u b'digriet tal-24 ta' Novembru, 2020 (moghti fir-rikors numru 270/2020/1) il-Qorti awtorizzat li jintervjenu fil-kawza l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia."

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Yorgen Fenech, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent jinsab ghaddej proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'inter alia komplicità f'omicidju volontarju, liema proceduri huma fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Yorgen Fenech*[2].

Qabel gew inizjati dawn il-proceduri kontra l-imputat u fil-mori tal-investigazzjoni tal-Pulizija, certu Melvin Theuma talab mahfra presidenzjali ai termini tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni Malta. Melvin Theuma taha informazzjoni dwar l-istess qtil u dwar xi persuni allegatament involuti lill-Pulizija, u bhala konsegwenza ta' hekk inghata mahfra presidenzjali.

Fil-mori tal-istess investigazzjonijiet l-imputat informa lill-ufficcjali investigattivi, illi huwa wkoll kellu xi informazzjoni li setghet tghinhom fl-investigazzjoni u li xtaq illi jinghata mahfra presidenzjali ghal din l-informazzjoni.

Il-Pulizija talbu lill-esponent jaghtihom din l-informazzjoni sabiex wiehed jezamina din l-informazzjoni u sussegwentement tittiehed id-decizjoni mill-awtoritajiet relevanti jekk l-esponent effettivament jinghatax tali mahfra jew le.

B'konsegwenza ta' hekk sehhew diversi laqghat gewwa d-Depot tal-Pulizija fejn l-esponent, taha informazzjoni lill-Pulizija ghall-fini hawn fuq spjegat.

Kien hemm l-intiza cara bejn il-partijiet kollha, anke fil-prezenza tal-ex-Kummissarju Lawrence Cutajar illi din l-informazzjoni

[2] Kumpilazzjoni numru 720/2019

kienet ser tintuza **biss** u **unikament** ai fini ta' talba ghal mahfra presidenzjali u li din l-istess informazzjoni ma kienet u setghet qatt tintuza kontra l-esponent.

*In oltre* l-esponent fl-ebda mument ta' dan il-process ma nghata s-solitu twissija skond il-ligi u cioè illi ghandu d-dritt tas-silenzju u li dak kollu li ser jghid jista' jingieb bi prova kontra tieghu l-Qorti.

Eventwalment, u minghajr ma nghata ragunijiet ghaliex, l-esponent gie nformat li t-talba tieghu ghall-mahfra presidenzjali kienet giet michuda mill-Kabinett ta' Malta. Minnufih l-Pulizija Ezekuttiva pprocediet sabiex tibda tinterroga lill-esponent dwar l-akkuzi li jinsab mixli bihom. Sussegwentement l-esponent irrilaxxa erba' stqarrijiet lill-Pulizija.

Permezz ta' rikors datat 6 ta' Novembru 2020 l-*parte civile* talbet biex il-Pulizija jixhdu dwar dak li qal l-imputat Yorgen Fenech waqt li kien arrestat inkluz dawk dak li qal ghall-fini li jinghata l-mahfra presidenzjali sabiex dan jikkostitwixxi prova kontra l-imputat.

Id-difiza opponiet ghal tali talba però b'digriet tal-10 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja laqghat it-talba tal-*parte civile* fis-sens **illi ddikjarat ammessibbli bhala prova kontra l-esponent dik l-informazzjoni moghtija minnu**.[3]

Il-konsegwenza tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja fis-sens illi tali informazzjoni hija ammessibbli bhala prova, jilledi d-drittijiet fondamentali tal-esponent ta' smieghu xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Bir-rispett, din l-informazzjoni mhux biss inghatat b'mod kunfidenzjali lill-Pulizija b'weghda jew twebbil ta' vantagg u cioè, il-mahfra, imma nghatat minghajr id-debiti salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat mill-ligi. Ghalhekk din l-

[3] Kopja tad-digriet relattiv qed jigi esebit bhala Dok. A.

informazzjoni qatt ma tista' tigi ammessa bhala prova kontra l-imputat. Dan mhux biss, imma d-dritt li jirrinunzja ghal tali garanziji qatt ma nghata. Dan bi ksur lampanti tad-Direttiva 2013/48/UE u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.
Ghalhekk il-lanjanza hija msejsa fuq zewg binarji u senjatament:

a. L-informazzjoni inghatat b'mod kunfidenzjali lill-Pulizija bil-ghan li tinghata Proklama Presidenzjali; u

b. L-informazzjoni inghatat minghajr id-debiti salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat skond il-ligi.

Fl-ewwel post tajjeb li wiehed izomm f'mohhu l-isfond u l-kuntest tal-laqghat bejn il-Pulizija u l-imputat fejn giet skambjata informazzjoni minghand l-imputat. Dawn il-laqghat saru ghall-finijiet tal-mahfra presidenzjali **u mhux ghall-finijiet ta' investigazzjoni**. Ghalhekk, apparti li l-eks Kummissarju tal-Pulizija ghamilha cara li l-konversazzjonijiet huma kunfidenzjali, din il-parti mill-process ma kienx istitwit bid-debiti "*guarantees of a judicial procedure as set forth in Article 6 para. 1 (art. 6-1)*.[4]

Huwa principju bazilari tad-drittijiet fundamentali illi fi proceduri kriminali hija l-prosekuzzjoni illi trid tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat minghajr ma' l-akkuzat jigi mqieghed f'posizzjoni fejn m'ghandux ghazla hlief illi li jaghti informazzjoni li tista' tinkriminah. Tali informazzjoni trid tinghata mill-akkuzat biss bil-kunsens tieghu u bil-pjena konsapevolezza illi tali informazzjoni tista' tintuza kontra tieghu fil-proceduri kriminali kontra tieghu.[5]

---

[4] *Saunders vs The United Kingdom* Applikazzjoni numru 19187/91 moghtija mill-Grand Chamber fis-17 ta' Dicembru 1996. Ta' min jghid ukoll li l-posizzjoni tal-esponent bhala xhud jew bhala suspettat qatt ma giet iccarata mill-pulizija waqt dawn id-diskussjonijiet dan bi ksur tad-Direttiva 2013/48/UE.

[5] Saunders v. the United Kingdom [GC],§ 68; Bykov v. Russia [GC], § 92; Salduz v. Turkey, EctHR, Application No. 36391/02, 27 November 2008, para. 54; Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], Application No. 50541/08, 13 September 2016, para. 266; Allan v. the Unied Kingdom, EctHR, Application No. 48539/99, 5 November 2002, para. 44; Heaney and McGuinness v. Ireland, EctHR, Application No. 34720/97, 21 December 2000, para. 40.

Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Heaney and McGuinness v. Ireland[6] intqal hekk:

> *"58. The Court … finds that the security and public order concerns relied on by the Government cannot justify a provision which extinguishes the very essence of the applicants' rights to silence and self-incrimination guaranteed by Article 6(1) of the Convention."*

Il-garanzija li dak li jintqal ma huwiex ser jingieb bhala prova, l-kunfidenzjalità u spirtu ta' koperazzjoni kienet koncudenti sabiex l-esponent jaghti kemm jista' jkun informazzjoni biex isir eligibbli ghall-mahfra presidenzjali. Dawn il-'garanziji' jew 'vantaggi' huma l-qofol tas-sistema tal-mahfra f'Malta u anke barra minn xtutna[7] sabiex l-awtoritajiet jkunu jistghu jissendikaw il-kwalità tal-informazzjoni moghtija mis-suspettat.

Ta' min jghid li biex l-esponent irrilaxxa l-informazzjoni rikjesta mill-pulizija sabiex ikun f'posizzjoni li jakkwista l-vantagg tal-mahfra presidenzjali, dan fl-isfond tal-ambjent fuq deskritt.

Ghalhekk bir-rispett kollu tali skambjar ta' informazzjoni mill-esponent ma tistax titqies bhala volontarja. Dan ghaliex l-ambjent li fih saru l-mistoqsijiet "[are] *by its nature, duration or other circumstances (including the fact of custody) excites hope (such as the hope of release) or fears, or so affects the mind of the subject that his will crumbles and he speaks when otherwise he would have stayed silent*."[8]

L-ghoti tal-informazzjoni kien biss bl-iskop ahhari li jinghata l-vantagg tal-mahfra u biex din l-informazzjoni tintuza kontra l-esponent fil-process kriminali, trid tkun inghatat b'ottempranza mad-debiti garanziji u salvagwardji fil-ligi.

---

[6] Applikazzjoni numru 34720/97 deciza fil-21 ta' Dicembru 2000.

[7] Ara Serious Organised Police Crime Act 2005 tar-Renju Unit s. 71 et seq.

[8] R v. Mushtaq [2005] UKHL 25; [2005] 2 Cr. App. R. 32; R. v. Prager [1972] 1 W.L.R. 260; Priestly (1967) 51 Cr. App. R. 1; Archbold: Criminal Pleading Evidence and Practice (2020), para. 15-414.

Dan iwassal ghat-tieni binarju tal-lanjanza tal-esponent u li l-informazzjoni inghatat minghajr d-debiti salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat skond il-ligi u ghalhekk ma hijiex ammissibbli bhala prova kontra l-imputat.

**Qabel kollox l-esponent jissottometti kien jispetta lill-Ufficjal Prosekutur li jipprova li l-informazzjoni rilaxxata mill-imputat u mertu tar-rikors tal-parte civile inghatat bid-debiti kawteli u salvagwardji spettanti lill-imputat mill-ligi**.[9] Huwa ferm perikoluz li l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghall-gudizzju taghha minghajr ma vverifikat jekk biss l-imputat inghatax twissija, jekk kienx assistit minn avukat jew jekk biss inghatax il-*letter of rights*. *Multo magis* fil-kaz odjern lanqas biss jidher li l-Ufficjal Prosekutur ittella jixhed dwar dan jew biss intavola risposta ghar-rikors tal-*parte civile*!

Ghalhekk hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li nghataw (jew gew espressament rinunzjati) dawn id-drittijiet. Fin-nuqqas ta' tali prova univoka, wiehed ma jistax sempliciment jipprezumi li s-suspettat inghata dawn id-drittijiet.[10]

In oltre fid-digriet taghha, l-Qorti tal-Magistrat qalet li "*n-nuqqas ta' osservanza tat-twiddiba ma jinvalidax l-istqarrija li tkun inghatat*."[11]

Dwar dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet qalet obiter.[12]

> "*meta jirrizulta ab initio mill-atti processwali illi persuna suspettata tkun giet interrogata minghajr ma tkun giet informata li tista' taghzel li ma tinkriminax ruhha, dik il-konfessjoni hija min-natura taghha stess suspetta ghal dik li*

[9] Ara ligi Ingliza S. 76(2) PACE u R v Ward (Judith) [1993] 1 WLR 619; The Queen v Thompson [1893] 2 Q.B. 12; Ibrahim v The King [1914] A.C. 599; R v Bass [1953] 1 Q.B. 680; R v Fulling [1987] QB 426; Lam Chi-ming v. The Queen [1991] 2 A.C. 212; R. v. Paris, Abdullahi and Miller (1992) 97 Cr App R 99; Barry (1992) 95 Cr. App. R. 384, CA; R v. Mushtaq [2005] UKHL 25, Also supported by the US Case of Miranda v. Arizona, 384 U.S. 436 (1966)].

[10] Archbold: Criminal Pleading Evidence and Practice (2020), paras. 15-407, 15-417, 15-419, 15-436.

[11] Pagna 6 ta' Dok. A.

[12] Deciza nhar is-17 ta' Jannar 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri).

*hija volontarjetament li jkun perikoluz li tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti – f'dan il-kaz il-gurati."*

In oltre l-uzu ta' informazzjoni miksuba bi ksur tal-jedd li wiehed ma jinkriminax lilu nnifsu b'dak li jghid, huwa leziv tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kapaci timmina r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.[13]

Dan ghaliex jekk l-Ufficjal Prosekutur jithalla jixhed dwar dak li ntqal mill-imputat waqt dawn il-konversazzjonijiet informali ha jigu realizzati diversi perikoli ghad-dritt ghas-smiegh xieraq tal-imputat.

Dwar dan ta' min isemmi li l-procedura skond l-Artikolu 659 tal-Kapitolu 9 ma gietx segwita. Dan ifisser li l-esponent ma ghandu l-ebda mezz ta' kontroll dwar dak li ser jiddeponi dwaru l-Ufficjal Prosekutur bhal dak li allegatament intqal mill-imputat biex inghata l-proklama.

Ta' min ifakkar ukoll li l-Qorti Istruttorja ghandna obbligu li thares d-drittijiet fondamentali tal-persuna li tkun qeghda tidher quddiemha imputata b'reati kriminali. Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta *obiter* tghid:

> *"il-funzjoni tal-Qorti* [Istruttorja] *hi li tapplika l-ligi kollha tal-pajjiz, inkluzi l-garanziji ghad-drittijiet fondamentali ddikjarati u protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea u dana preventivament* ***qabel ma tavvera ruhha l-vjolazzjoni u anzi biex tippreveniha****. Dan biex possibilment jigi assigurat li dawn id-drittijiet ma jigux ivvjolati."*[14] ***(sottolinear mizjud tal-esponent)***

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konsegwenzi tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ta' nhar il-10 ta' Novembru 2020 jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-

---

[13] Belugin v. Russia, § 68-80.

[14] Emanuela Brincat v Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-21 ta' Frar 1996

Konvenzjoni Ewropea u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponent ta' smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem; u

2. Taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi l-informazzjoni li esponent taha lill-Pulizija bl-intiza sabiex l-esponent jinghata l-mahfra presidenzjali ma tistax tigi prodotta bhala prova fil-proceduri kriminali kontra l-esponent;

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija li d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Yorgen Fenech* tal-10 ta' Novembru 2020 huwa leziv tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dan ghaliex skont ir-rikorrenti dan il-jedd ser jigi miksur jekk kemm-il darba s-Supritendent Keith Arnaud u l-Ispettur Kurt Zahra jaghtu x-xhieda taghhom dwar dikjarazzjonijiet u stqarrijiet moghtija minn Yorgen Fenech meta talab ghal-mahfra presidenzjali. Konsegwentement ir-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna illi l-ufficjali tal-pulizija ma jixhdux dwar informazzjoni li r-rikorrent ta lill-Pulizija f'laqghat intizi sabiex jinghata l-proklama.

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jaghmel uzu minn procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghandu rimedju effettiv disponibbli sabiex ihares d-drittijiet pretizi minnu. Huwa evidenti li l-lanjanza li qajjem ir-rikorrenti tirrigwarda ammissibilità ta' prova fil-kawza kriminali u ghalhekk huwa ghandu rimedju ordinarju a tenur tal-**artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali** li wara li jkun notifikat bl-att tal-akkuza ghandu permezz ta' nota jindika l-eccezzjonijiet preliminari u kull eccezzjoni ohra dwar ammissibilità ta' provi. Il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali hija esklussiva. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxi **n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji** da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex **tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha** ai termini tal-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Inoltre, jigi rilevat ukoll li kwalsiasi digriet li nghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni Il-Pulizija (Supt. Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) vs. Yorgen Fenech, inkluz dak tal-10 ta' Novembro 2020, huma digrieti li ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor. Li hu zgur ukoll hu li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri kostituzzjonali sabiex "jappella" minn digrieti li nghataw legittimament mill-Qrati penali. Hija Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali biss li nghatat is-setgha bil-ligi tiddeciedi fuq l-ammissibilità finali fl-istadju ta' eccezzjonijiet preliminari u fuq rilevanza (waqt il-guri), kif gie nsenjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza taghha Repubblika ta' Malta vs Edwin Cioffi (27.11.1990) li rriproduciet dak li kienet iddeterminat is-sentenza tal-istess Qorti f'Sua Maesta il Re vs Dott. C. Mifsud Bonnici et (4.1.1929) u f'Repubblika ta' Malta vs Cecil Pace u Henry Pace (30.5.1977).

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kif ukoll preliminarjament, it-talba ma tistax tintlaqa' stante illi l-

kwistjoni imqanqla ma tistax tigi ikkunsidrata minn din l-Onorabbli Qorti, izda minn Qorti li ghandha kompetenza penali. Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti hija wahda dwar ammissibilità ta' evidenza. Tirrigwarda dak kollu li r-rikorrenti stqarr mal-pulizija in konnessjoni mal-omicidju tas-sinjura Daphne Caruana Galizia. Kif gustament iddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2020 *"Illi wara kollox, huwa proprju l-mansjoni u l-kompitu ta' din il-Qorti bħala struttorja sabiex tiġbor u tippreserva l-provi kollha dwar ir-reat, filwaqt illi l-fini tal-proċeduri kriminali jibqa' dejjem dak li tinkixef il-verità. Fil-proċess penali kontra l-akkużat odjern, iridu jinġiebu l-provi kollha...".* Ghaldaqstant kollox huwa regolat mill-ligi applikabbli, u cioè l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, illi jistipola illi kull stqarrija ta' kull imputat, purché maghmula volontarjament, hija ammissibbli.

Il-principji regolaturi ghal dak li jirrigwarda l-ammissibilità ta' dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzat huma li kull haga li l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persona ohra. Ir-rikorrent inghata l-*caution* mill-pulizija mill-ewwel malli gie arrestat fuq il-*yacht* tieghu nhar id-19 ta' Novembru 2019. F'dak l-istadju 'l quddiem ir-rikorrent kien jaf li dak kollu li kien ser jghid jista jingieb bhala prova kontrih. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 658 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kwalsiasi ħaġa mistqarra mir-rikorrenti *qua* imputat għandha tiġi debitament ippriżervata in atti, anke jekk mistqarra lill-Pulizija "kunfidenzjalment" għall-fini ta' talba għal mahfra presidenzjali. L-informazzjoni li taha jew li offra li jagħti r-rikorrenti lill-Pulizija "kunfidenzjalment" għall-fini tal-Proklama taha volontarjament, fil-preżenza ta' l-Avukat/i tiegħu u/jew wara li kkonsulta mieghu/maghhom, mingħajr theddid jew biża', u mingħajr ma ġie mwiegħed

jew imwebbel b'ebda vantaġġ da parti tal-Pulizija. Huwa ghal kollox immaterjali u rrilevanti jekk dak li stqarr Yorgen Fenech kienx jikkoncerna r-rikjesta tieghu ghall-mahfra presidenzjali ommeno. Dak li stqarr stqarru volontarjament u kwindi huwa obbligu tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li tippriżerva l-istess fl-atti proċesswali u ma teskludihiex *ab initio*. Tkun qed tonqos mill-obbligi taghha u tkun qed ixxekkel l-amministrazzjoni tal-gustizzja kieku taghmel diversament.

Il-ligi ma taghmilx distinzjoni abbazi tac-cirkostanzi jew tar-reat, kif taghmel fi bnadi ohra mifruxa fil-Kodici Kriminali. B'applikazzjoni tal-massimi legali ubi lex voluit dixit u ubi noluit tacuit, il-ligi applikabbli taghna, kif jghid tajjeb il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar Procedura Kriminali (f'pagni 100-101) tesigi illi:

*"Extra judicial confessions are those where the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied,* ***<u>under any circumstances</u>*** *other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral. So that a confession may be received in evidence agianst the person who made it the law (s. 658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. …The law says "voluntarily" not "spontaneously". In other words, a confession is receivable in evidence though it has been elicited by questions put by the Police or any other person in authority." [sotolinejar tal-esponent].*

Fil-kaz odjern, il-**volontarjetà tal-istqarrija tar-rikorrenti hija inerenti fin-natura u x-xorta tal-istqarrija**. Dan peress illi l-istqarrija hija specifikatament intiza sabiex twassal ghal mahfra presidenzjali. Hija l-*casus classicus*, u cioè, l-essenza tal-volontarjetà. Ma jistax ikun hemm stqarrija iktar volontarja minn dik maghmula minn imputat bil-ghan li jitlob il-Mahfra Presidenzjali proprju ghax ikun qed jammetti xi forma ta'

imputabilità [*blameworthiness/fault*] bl-isperanza li tali ammissjoni issarraf f'mahfra, u allura, fl-impunità tieghu stess. Hija mahfra presidenzjali [*presidential pardon*] proprju ghaliex hemm xi haga x'jinhafer. Iktar minn hekk, l-istqarrija li saret bis-salvagwardji legali kollha hija sahansitra spontanja ghaliex saret *sua sponte*, u dan meta tali rekwizit lanqas biss huwa essenzjali ghall-finijiet tal-ammissibilità.

Tajjeb li l-esponenti jirrileva illi l-Qrati taghna iddikjaraw bhala ammissibbli anke stqarrija ta' htija li giet mismugha ***(overheard)*** minn terzi waqt arrest {ara **Repubblika ta' Malta vs Vincent Cucciardi (1981)** mill-Qorti tal-Appell Kriminal (Superjuri) iddikjarat li kien ovvju li dawk in-notamenti maghmula mill-iSpettur Anglu Farrugia kienu ammissibbli. Fis-sentenza taghha, l-Qorti iccitata il-brann segwenti:

*"Ghandu jinghad illi fil-gurisprudenza Ingliza "confidences to a fellow prisoner overheard by the police are admissable" (Archbold Pleading, Evidence & Practice in Criminal Cases, 38th ed., 1973, para 1381 b)."*

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jistax ma jirrilevax illi abbazi tal-principju ***electa una via non datur recursus ad alteram***, gjaladarba t-talba tar-rikorrent tas-6 ta' Ottubru 2020 ntlaqghet u l-Ufficjal Prosekutur gie ordnat jizvela l-informazzjoni li taha Melvin Theuma b'mod kunfidenzjali lill-Pulizija, l-istess ghandu japplika ghall-informazzjoni moghtija mir-rikorrent Yorgen Fenech. Proprju ghalhekk *la legge è uguale per tutti*, dan essendo tant ghal qalb l-ordinament guridiku taghna.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smiegh xieraq, is-smiegh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u

mparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smiegh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-ligi. Sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalità tieghu. Kif jirrizulta mir-rikors promotur, il-proceduri penali in konfront tar-rikorrent jinsabu fl-istadju ta' kumpilazzjoni. Huwa pacifiku li sabiex tkun tista' tigi deciza allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq hu mehtieg illi jsir apprezzament tal-process kriminali fl-intier tieghu. Dan ghalissa ma jistax isir proprju ghaliex il-proceduri kriminali huma pendenti quddiem il-Qrati penali, *multo magis* meta l-ilment tar-rikorrenti huwa precizament dwar ammissibilità ta' provi, liema kwistjoni ghad trid tigi deciza.

La darba f'dan il-kaz il-process kriminali ghadu ma giex mismugh u mitmum, ghandu mhux maghruf kif u x'valur probatorju ser jinghata dak li r-rikorrent iddikjara mal-pulizija sabiex jinghata l-mahfra presidenzjali. Ghalhekk **l-azzjoni tar-rikorrent hija wkoll intempestiva u prematura**.

5. Bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet prcoedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux, jew le, kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). Irid isir ***overall assessment*** **tal-procediment penali**. Il-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalità tal-kazijiet, jigi invokat biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti, u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm *equality of arms* bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (*audi alterem partem*) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif

imiss u (vii) meta s-sentenza finali tinghata minghajr motivazzjoni.

Sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali*, deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghal konkluzjoni li necessarjament sehh ksur tal-jedd tas-smiegh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma gie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalità taghhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigh xieraq bil-konsegwenzi tad-digriet impunjat. Anzi, jirrizulta li l-partijiet ghandhom access ugwali ghall-Qorti, qed isiru l-ezamijiet u l-kontro-ezamijiet kollha mehtiega u kull parti ghandha l-opportunità li tressaq il-kaz taghha. Il-fatt wahdu li l-Qorti tal-Magistrati iddekretat li s-Supritendent Arnaud u l-iSpettur Kurt Zahra jistghu jixhdu dwar dak li iddikjara r-rikorrent fl-ambitu sabiex jinghata l-proklama, fi kwalsiasi kaz, ma jistax iwassal ghal xi ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghalhekk fid-dawl tar-ragunijiet suesposti, kemm individwalment u *multo-magis* kumuluttivament, l-

allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawża tal-Avukat Peter Caruana Galizia, Paul Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia li permezz tagħha eċċepew illi:

Fit-trattazzjoni tar-rikors sabiex l-esponenti jintervjenu fl-atti tar-rikors li bih ir-rikorrent talab *interim measure* dina l-Onorabbli Qorti u l-partijiet iddikjaraw li t-trattazzjoni u decizjoni fuq l-istess ghandhom japplikaw ghat-talba tal-esponenti biex jintervjenu ukoll f'dawn il-proceduri odjerni.

Billi ntlaqghat it-talba tal-esponenti sabiex jintervjenu l-esponenti qeghdin umilment iressqu r-risposta taghhom ghar-rikors ipprezentat fis-16 ta' Novembru 2020 li istitwixxa l-proceduri fl-ismijiet odjerni.

L-esponenti qedghin joggezzjonaw ghat-talbiet imressqa mir-rikorrent u dan billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet indikati hawn.

**Cirkostanzi tal-Kaz**

Permezz ta' rikors ipprezentat mill-esponenti bhala parte civile quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja huma talbu lil dik il-Qorti tiddeciedi dwar l-ammissibilità ta' xhieda fuq il-kontenut ta' informazzjoni mghoddija mill-akkuzat Fenech lil ufficjali tal-Pulizija fi stadju tat-talba tieghu ghal mahfra u li tiddeciedi l-ammissibilità ta' dik ix-xhieda f'dan l-istadju tal-proceduri, cioè fl-istadju tal-preservazzjoni tal-provi.

Din it-talba kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara li din kienet iddekretat rikors imressaq mill-akkuzat Fenech fejn kien talab lil dik il-Qorti tammetti bhala prova ammissibbli sabiex tigi ppreservata xhieda dwar l-informazzjoni li Melvin Theuma kien taha lil Pulizija fl-istadju tal-applikazzjoni tieghu ghal mahfra.

It-talba tal-akkuzat Fenech kienet giet degretata b'tali mod fejn dik il-Qorti iddecidiet li tammetti bhala prova ammissibli fl-atti

tal-kumpilazzjoni dik ix-xhieda dwar informazzjoni li Theuma kien taha lil Pulizija fl-istadju tal-applikazzjoni tieghu ghal mahfra.

Ghalhekk id-digriet tal-10 ta' Novembru 2020 ma huwiex wiehed moghti f'*vacuum* izda moghti ukoll fid-dawl ta' dak li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet digà ddecidiet fuq talba tal-akkuzat.

In-natura tal-punt proceduralì deciz fid-digriet tal-10 ta' Novembru 2020 huwa dwar l-ammissibilità o meno f'dan l-istadju tal-proceduri tal-Istruttorja ta' xhieda moghtija minn akkuzat lil Pulizija meta huwa kien applika ghal mahfra.

Illum is-sitwazzjoni hija tali li dik ix-xhieda bdiet tinghata billi diga xehed is-Supretendent Keith Arnaud liema xhieda kif ordnat il-Qorti tal-Magistrati inghatat fil-maghluq u b'divjet li tigi mxandra u li ghalija gie rizervat il-kontro ezami tal-akkuzat u tal-parte civile.

**Lanjanza**

Il-lanjanza mressqa mir-rikorrent fir-rikors tieghu tas-16 ta' Novembru 2020 hija li d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-10 ta' Novembru 2020 jilledi d-dritt ghal smigh xieraq kif protett f'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Tali lanjanza hija msejsa fuq zewg binarji kif indikat fir-rikors promotorju f'paragrafu 13 u cioè li: (i) "*l-informazzjoni inghatat b'mod kunfidenzjali lill-Pulizija bil-ghan li tinghata Proklama Presidenzjali;* u (ii) *l-informazzjoni inghatat minghajr id-debiti salvagwardji u drittijiet spettanti lis-suspettat skond il-ligi*".

Ghalhekk il-lanjanza tippretendi li xhieda dwar informazzjoni li l-akkuzat Fenech taha lill-Pulizija fl-istadju tal-applikazzjoni tieghu ghal proklama mhijiex ammissibbli ghaliex inghatat b'mod kunfidenzjali u minghajr id-debiti salvagwardji.

Jidher li l-lanjanza qedgha tigi mressqa mhux biss dwar l-ammissibilità tal-istess xhieda fl-istadju tal-kumpilazzjoni izda aktar dwar l-ammissibilita taghha ghal dak l-istadju fejn in-natura tal-proceduri jkunu tali li jiggudikaw il-htija o meno tieghu.

**Eccezzjonijiet Preliminari**

**Rimedji Ordinarji mhux Ezawriti**

La darba l-lanjanza hija dwar l-ammissibilità o meno ta' xhieda il-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti dritt procedurali lil kull akkuzat sabiex jissolleva n-nuqqas ta' ammissibilità ta' prova u dan id-dritt procedurali jigi ezercitat quddiem dik il-Qorti li fil-process kriminali tiggudika l-htija o meno ta' akkuzat u cioè quddiem il-Qorti Kriminali tramite eccezzjoni.

Il-proceduri li huma l-parametri li fihom saret il-lanjanza huma tali li l-iskop taghhom huwa l-preservazzjoni tal-provi u jinkombi fuq qorti ohra, cioè il-Qorti Kriminali, sabiex finalment tiddeciedi dwar l-ammissibiltà o meno ta' dik il-prova, izda tali stadju tal-proceduri ghad irid jasal u r-rimedju ordinarju ghad irid jintuza.

L-ammissibilità o meno ta' prova fil-process kriminali hija ta' valur ghad-dritt ghal smigh xieraq fl-istadju meta dawk il-proceduri jkunu ta' tali natura li l-kompetenza tal-qorti tinkludi gudizzju dwar htija u mhux sempliciment dwar preservazzjoni ta' provi.  Tant hu hekk li kull prova preservata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mhux necessarjament tigi dikjarata ammissibli mil-Qorti Kriminali.

Ghalhekk stharrieg u decizjoni issa minn din l-Onorabbli Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali qabel ma jithalla jintuza r-rimedju ordinarju fl-istadju opportun tal-proceduri tkun qeghda ccahhad lil Qorti Kriminali mill-ezercizzju tar-responsabbilità taghha imposta fuqha bil-ligi ordinarja minkejja li l-implimentazzjoni ta' procedura skont id-dettami tal-ligi tispetta l-ewwel u qabel kollox lil dik il-qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja.

Dak ir-rimedju quddiem il-Qorti Kriminali fi stadju ulterjuri tal-process kriminali iwassal precizament ghal dak ir-rimedju li l-akkuzat Fenech qieghed jitlob minn dina l-Onorabbli Qorti u cioè li dik ix-xhieda ma tkunx ammissibli fil-proceduri li ghandhom aktar 'l quddiem jiggudikaw il-htija o meno tieghu.

Konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti qeghda tigi mistiedna tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taghha skond il-proviso ghal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, billi r-rikorrent ghad fadallu rimedju ordinarju.

**Proceduri Intempestivi**

In kwantu l-lanjanza tal-akkuzat Fenech imressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti hija dwar l-ammissibilità ta' dik ix-xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja din il-lanjanza ghandha tigi michuda billi hija intempestiva u dan billi:

(a) l-iskop tal-kumpilazzjoni hija li tigi preservata l-prova kollha li l-prosekuzzjoni tkun gabret u mhux li tiggudika dwar il-htija o meno tal-akkuzat b'tali mod li allura ma jista' jkun hemm l-ebda pregudizzju tali li jammonta ghal ksur ta' smigh xieraq f'dan l-istadju meta dak li qieghed isir huwa biss li tigi preservata din il-prova u mhux uzata kontra jew favur l-akkuzat;

(b) il-lanjanza tressqet quddiem dina l-Onorabbli Qorti qabel mal-akkuzat ta l-opportunita lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja taghti direzzjonijiet dwar kif kellha tinghata dik ix-xhieda minkejja li l-ewwel obbligu biex tara li l-process huwa wiehed ta' smigh xieraq jinkombi fuq dik il-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt dik il-Qorti tal-Magistrati filwaqt li zammet l-ordni taghha li dik ix-xhieda tigi preservata fl-atti ordnat li tkun hekk preservata b'divjet fuq il-pubblicita taghha.

In kwantu l-lanjanza tal-akkuzat Fenech imressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti hija dwar l-ammissibilità ta' dik ix-xhieda quddiem il-Qorti Kriminali fi stadju ulterjuri tal-process kriminali din hija intempestiva billi bhal kull akkuzat huwa ghandu rimedju li ghadu ma ghamilx uzu minnu u cioè li jressaq eccezzjoni preliminari quddiem dik il-Qorti Kriminali dwar in-nuqqas ta' ammissibilità ta' din ix-xhieda.

**Proceduri Kostituzzjonali ma ghandhomx iservu bhala Appell minn Digriet**

Il-premessi mressqa mir-rikorrent sabiex jissostanzja l-lanjanzi fir-rikors promotorju jindikaw li dan huwa ezercizzju ta' appell mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Il-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha pero ma jippermettux li quddiemha jsir appell minn digriet jew decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrent ghandha tigi michuda bhala li ma taqax fil-kompetenza u gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti billi s-sindikar ta' dina l-Onorabbli Qorti mhuwiex dak ta Qorti tal-Appell.

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

Id-digriet dwar l-ammissibilità tax-xhieda in kwistjoni u l-preservazzjoni ta' tali xhieda ma jikkozzaw mal-ebda kriterju stabbiliet f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u f'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**Nuqqas ta' identifikazzjoni tal-aspett vjolat tad-dritt ghal smigh xieraq**

Ma huwiex daqshekk car mil-lanjanza kif imressqa liema kriterji tad-dritt ghal smigh xieraq ir-rikorrent qieghed jippretendi li nkissru billi fit-talba tieghu huwa jitlob li jigi dikjarat li hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq shih minghajr ma jindika dawk il-kriterji specifici u r-rikorrent ghandu jintalab jippreciza liema

aspett tad-dritt xieraq huwa qieghed jippretendi li gie vjolat sabiex dawn il-proceduri ma jsirux '*fishing expedition*'.

Mill-premessi u mit-trattazzjoni verbali li digà saret quddiem din l-Onorabbli Qorti l-esponenti jifhmu li r-rikorrent jilmenta ghaliex sofra pregudizzju ghal prezunzjoni tal-innocenza tieghu billi l-pubbliku jsir jaf b'din l-informazzjoni li huwa ta lill-pulizija, u pregudizzju processwali billi tigi prezentata xhieda dwar stqarrijiet tieghu mal-pulizija li ma nghatawx biex jintuzaw fil-process kriminali u inghataw minghajr salvagwardji.

**Stharrig ta' Vjolazzjoni ta' Dritt ghal Smigh Xieraq fl-ambitu tal-process kriminali shih**

Stharrig ta' vjolazzjoni ta' dritt ghal smigh xieraq trid issir mhux fuq episodju wiehed mill-process kriminali izda fuq il-process kriminali shih u huwa fl-isfond tal-intier tal-process kriminali li dina l-Onorabbli Qorti hija msejjha li twettaq is-sindikar taghha.

Jinkombi l-ewwel nett fuq il-Magistrat li jkun qieghed imexxi l-kumpilazzjoni u wara fuq l-Imhallef li jkun qieghed imexxi l-process tal-guri li jassiguraw sabiex fl-interezza tal-process kriminali dak il-process ikun wiehed xieraq u ghal dan il-ghan huwa primarjament l-obbligu ta' dawk il-qrati li jaghtu dawk id-direzzjonijiet fi stadji differenti tal-process sabiex jassiguraw dan.

Ghalhekk huwa infondat li r-rikorrent jippretendi li dina l-Onorabbli Qorti tissindika biss episodju izolat f'dak il-process penali meta sindikar kostituzzjonali ta' process penali jitlob li jigi sindikat il-process fl-intier tieghu.

Kieku wiehed jissindika episodju izolat f'dak il-process penali ikun qieghed jassorbi ghalih kompetenza li tispetta lil qrati li jkunu qeghdin imexxu dak il-process u jkun qieghed jippregudika hu stess il-bilanc bejn il-partijiet li l-istess dritt ghal smigh xieraq jitlob minn process penali.

Jekk ammissibilità o meno ta' xhieda twassalx ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tiddependi fuq jekk dik ix-xhieda kienitx xhieda krucjali jew wahda li fuqha strahet il-qorti ghas-sejba ta'

htija tal-akkuzat u jekk il-preservazzjoni ta' dik ix-xhieda ippermettitx lill-akkuzat jressaq id-difiza tieghu jew le.[15]

**Ix-Xhieda hija relevanti u ammissibli**

Il-lanjanzi fuq kwistjonijiet ta' ammissibilità ta' xhieda huma determinati mill-Qorti Ewropea ghab-bazi ta' tlett kriterji u cioè wara stharrieg ta:

(i) jekk it-talba ghax-xhieda kienitx monija b'ragunijiet sufficjenti u relevanti ghal mertu tal-akkuza;

(ii) jekk il-qorti kompetenti kkunsidratx ir-relevanza ta' dik ix-xhieda u jekk provditx ragunijiet sufficjenti ghad-decizjoni taghha sabiex tammetta jew tichad l-ammissjoni ta' dik ix-xhieda;

(iii) jekk id-decizjoni tal-qorti kompetenti sabiex tammetti jew le dik ix-xhieda ikkompromettitx '*the overall fairness of the proceedings'*.[16]

Ir-rikors li wassal ghad-digriet tal-10 ta' Novembru 2020 u d-digriet innifsu huma t-tnejn monija b'ragunijiet sufficjenti u relevanti ghal-mertu tal-akkuza u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat diversi ragunijiet ghad-decizjoni taghha li tammetti din ix-xhieda fl-atti ghal preservazzjoni taghha, u li tali ragunijiet huma skond il-ligi u bbazati fuq il-ligi hekk kif l-istess digriet jirriferi ghall-artikoli tal-ligi in kwisjtoni.

Xhieda relevanti ghal mertu tal-akkuza u allura ammissibbli anke skond il-parametri tad-dritt ghas-smigh xieraq tinkludi mhux biss xhieda li hija direttament relevanti ghal fatti tal-kaz, izda ukoll prova li tista tkun relatata ma '*reliability and completeness'* ta' dik il-prova fuq il-fatti[17].

---

[15] Thiam v. France, 18 Ottubru 2018, Applikazzjoni Numru 80018/12, Paragrafi 63 - 68

[16] Abdullayev v. Azerbaijan, 7 Marzu 2019, Applikazzjoni Numru 6005/08, Paragrafi 59-60

[17] Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], 16 Frar 2000, Applikazzjoni Numru 28901/95, paragrafu 66; Mirilashvili v. Russia, 11 Dicembru 2008, Applikazzjoni Numru 6293/04, paragrafu 200; Leas v. Estonia, 6 Marzu 2012, Applikazzjoni Numru 59577/08, paragrafu 81; Matanović v. Croatia, 4 April 2017, Applikazzjoni Numru 2742/12, paragrafu 161

Filwaqt li wiehed ghadu ma jistax jghid kemm se tkun principali jew x'importanza se tinghata dik ix-xhieda fid-determinazzjoni tal-gudizzju tal-akkuzat Fenech u dan ghaliex mhux biss dak il-gudizzju ghadu ma sehhx izda wiehed ghadu lanqas biss jaf jekk dik ix-xhieda hijiex se tigi ammessa f'dak il-gudizzju, però minkejja dan ix-xhieda in kwistjoni fil-fatt hija wahda relevanti ghaliex taghti indikazzjonijiet ta' 'reliability' ta' xhieda ohra u tikkompleta provi ohra.

In oltre ma hemm xejn x'jindika li l-prezentata ta' din ix-xhieda ikkompromettiet jew se tikkomprometti '*the overall fairness of the proceedings'* specjalment meta f'dan l-istadju tal-proceduri ghadha ma ngabritx ix-xhieda u l-provi kollha u wiehed ghadu ma jafx x'rwol se jkollha bhala importanza fl-assjem tal-provi kollha f'dawn l-atti, hekk ukoll billi l-ammissibilità tax-xhieda fl-istadju tal-process li jiggudika l-htija tal-akkuzat ghadu ma bediex u ghadu ma huwiex maghruf jekk dik il-qorti kompetenti tammettix dik ix-xhieda jew le.

**Hija l-Qorti kompetenti li tiddeciedi l-ammissibilità u mhux il-Prosekutur jew id-Difiza**

Il-procedura penali f'pajjizna hija tali li timponi fuq il-prosekuzzjoni l-obbligu li tikkunsidra u tipprezenta l-fatti u l-prova kemm kontra l-akkuzat kif ukoll favurih, izda f'dik is-sistema ma huwiex accettat li jkun l-istess Prosekutur jew l-istess akkuzat li jaghzel u jiddeciedi hu liema hija l-prova ammissibbli.

Ir-rwol li jigi deciz l-ammissibilità ta' prova jispetta biss lil qorti kompetenti skond l-istadju tal-process kriminali li fih ikunu waslu dawk il-proceduri u skond l-iskop ta' dak l-istadju fil-process kriminali irrispettivament ta' x'jahsbu l-ufficjali prosekuturi u l-akkuzat u dan billi l-ammissibilità ta' prova trid tkun ibbazata fuq procedura stabbilita fil-ligi li tassigura l-iskop ta' processi kriminali li fl-ahhar mill-ahhar huwa gustizzja fl-interess pubbliku u assikurazzjoni li dak is-smigh huwa xieraq.[18]

---

[18] Natunen v. Finland, 31 Marzu 2009, Applikazzjoni Numru 21022/04, paragrafu 47-49; Matanović v. Croatia, 4 April 2017, Applikazzjoni Numru 2742/12, paragrafi 158, 181- 182

Ghalhekk kieku wiehed kellu jaccetta li prova ma tigix ammessa fi process kriminali fl-istadju tal-preservazzjoni tal-provi sempliciment ghaliex l-akkuzat impressjona lill-ufficjali prosekuturi li tali qeghda tinghata lilhom f'kunfidenzjalità, wiehed ikun qieghed inehhi l-oggettività mehtiega f'dak il-process sabiex jilhaq bilanc bejn l-iskopijiet ta' gustizzja penali u cioè l-interessi tas-socjetà u tal-gustizzja fis-socjetà mal-gustizzja fil-konfront tal-akkuzat.

**Nuqqas ta' Koerzjoni Mhux Xierqa**

Id-dritt ghas-silenzju sabiex ma tinkriminax lilek innifsek huwa protezzjoni moghtija lil persuna suspettata jew akkuzata bit-twettiq ta' reat li jithaddem kontra sitwazzjonijiet fejn akkuzat jigi mgieghel b'mod mhux xieraq jikser is-silenzju tieghu.

Il-protezzjoni tal-akkuzat taht dan id-dritt mhijiex assoluta izda hija limitata ghal protezzjoni kontra '*improper compulsion*' li tigi ezercitata fuqu u hija meta akkuzat jigi kostrett b'mod mhux xieraq li jsib il-protezzjoni taht dan id-dritt.[19]

Il-prova li giet permessa bhala ammissibbli fl-istadju ta' kumpilazzjoni hija dwar xhieda ta' dak li l-akkuzat qal lill-ufficjali prosekuturi b'mod volontarju u spontanju fi zmien meta kien qieghed taht arrest u taht *police bail* u konxju tac-cirkostanzi tieghu huwa applika ghal proklama u offra dik l-informazzjoni li huwa ghazel li jghid lill-ufficjali.

Tali informazzjoni giet mghoddija lill-ufficjali minghajr ebda hjiel ta' koerzjoni mhux xierqa minn naha taghhom, tant hu hekk li filwaqt li huma qdew dmirijiethom meta ghal diversi drabi infurmaw bl-aktar mod car lill-akkuzat li huwa suspettat fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia huwa ghazel dik l-informazzjoni li xtaq jatihom.

[19] John Murray v. United Kingdom, 8 Frar 1996, Applikazzjoni Numru 18731/91, paragrafu 45; Bykov v. Russia, 10 Marzu 2009, Applikazzjoni Numru 4378/02, paragrafu 92; Ibhrahim and Others v. United Kingdom, 13 Settembru 2016, Applikazzjoni Numru 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 40351/09, paragrafu 269;

Jispetta lir-rikorrent li jipprova li huwa gie mgieghel biex jaghti dik l-informazzjoni lill-ufficjali u li gie mgieghel minnhom jaghmel hekk u fin-nuqqas ta' tali prova l-lanjanza tieghu ma tistax tigi akkoljata.

Ic-cirkostanzi tal-kaz huwa tali li l-akkuzat Fenech ma kienx suspettat bhal ohrajn u dan ghaliex filwaqt li suspettati ordinarji jigu mressqa u akkuzati quddiem il-qorti fi zmien 48 siegha u jkollhom access limitat bil-hin ghal avukat taghhom, l-akkuzat Fenech ghamel granet fuq *police bail* b'sighat twal mal-avukati tieghu li dejjem kienu mieghu kull meta huwa tkellem mal-pulizija.

Tant ma kienx imgieghel b'mod li mhux xieraq sabiex jaghti din l-informazzjoni, li l-akkuzat Fenech kellu kontroll assolut u liberu dwar liema informazzjoni jaghti lill-ufficjali hekk kif jidher car mix-xhieda li taha s-Supretendent Arnaud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn kien l-akkuzat Fenech li talab li jaghti informazzjoni, u kien hu stess li ghazel liema informazzjoni jaghti u liema verzjoni ta' dik l-informazzjoni jaghtihom skond kif dehrlu hu minghajr koerzjoni da parti tal-ufficjali.

In oltre dan il-privilegg kontra li wiehed jinkrimina lilu nnifsu ma jaghtix protezzjoni kontra l-fatt li wiehed ikun ghamel jew seta' jaghmel stqarrija inkriminanti per se izda biss dwar il-mod ta' kif dik l-istqarrija inkriminanti giet akkwistata b'koerzjoni jew oppressjoni kontra r-rieda tal-akkuzat. Ghalhekk fejn ma hemmx koerzjoni jew oppressjoni mhux xierqa ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

Ic-cirkostanzi tal-kaz ma juru l-ebda theddida ta' sanzjonijiet jekk huwa ma jaghtix dik l-informazzjoni, l-ebda pressjoni fizika jew psikologika fit-termini tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u ma juri l-ebda hadma jew nassa tali li nezzat lill-akkuzat minn kwalunkwe rieda u abbilita li jaghzel hu u jiddeciedi hu x'jghid lill-ufficjali.

Ta' min jinnota li l-Qorti Ewropea digà sabet ukoll li meta akkuzat jigi kkonfrontat fi proceduri penali bi stqarrijiet li hu stess jkun ghamel fi proceduri ohra (anke jekk huma proceduri

amministrattivi) tali prezentazzjoni ta' stqarrijiet ma tkunx ikkunsidrata bhala uzu ta' stqarrijiet mehuda b'koerzjoni bi vjolazzjoni tal-artikolu 6.[20]

## Ir-rikorrent moghti l-oghla livell ta' salvagwardji

L-aggravju tar-rikorrent li huwa ma nghatax is-salvagwardji xierqa huwa aggravju falz u frivolu u dan billi huwa inghata s-salvagwardji kollha fl-oghla livell possibbli u sahansitra hemm provi cari li juru l-ghoti ta' dawn is-salvagwardji.

L-akkuzat gie infurmat mal-ewwel mument tal-arrest tieghu li huwa kien qieghed jigi arrestat bhala suspettat fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, li rega gie infurmat hekk kif wasal il-kwartieri generali tal-Pulizija, li ffirma huwa stess u stqarr huwa stess li kien konxju u jifhem ir-raguni tal-arrest tieghu, kien moghti d-disclosure tal-evidenza fil-konfront tieghu fil-mument li hu kien taht arrest u gie infurmat li kontra tieghu kien hemm provi li kienu jinkludu xhieda ta' Melvin Theuma, li kontra tieghu kien hemm prova ta' konverzazzjonijiet irrekordjati u sahanistra li hu jew l-avukati tieghu thallew jisimaw tali recordings.

L-akkuzat sa mill-ewwel mumenti tal-arrest tieghu kien f'komunikazzjoni libera u kunfidenzjali mal-avukati tal-ghazla tieghu u li mil-ewwel mumenti tal-arrest tieghu huwa kien assistiet minn zewg avukati u cioè mil-Avukat Gianluca Caruana Curran u l-Avukat Marion Camilleri, li qatta' sighat mal-avukati tieghu sabiex jiehu l-pariri minn ghandhom, li sehhew laqghat mal-avukati tieghu mhux biss fil-kwartieri generali tal-pulizija izda ukoll fir-residenza tal-akkuzat stess, li l-istess avukati kienu prezenti ghal laqghat bejn l-ufficjali u l-akkuzat, li l-istess avukati kienu konxji tal-ligi dwar l-ammissibilità o meno ta' dak li jistqarr il-klijent taghhom.

Ghalhekk kull salvagwarda mehtiega fil-ligi oltre li inghatat lir-rikorrenti li kien f'pozizzjoni li jaghraf u jirrikonoxxi anke bil-parir tal-avukati tal-ghazla tieghu l-konsegwenzi tal-istqarrijiet tieghu.

---

[20] H. and J. v. Netherlands, 13 Novembru 2014, Applikazzjoni Numru 978/09 u 992/09

**L-Ammissjoni ta' Prova moghtija fil-Process ta' Proklama ma tivvjolax id-Dritt ghal Smigh Xieraq**

L-insenjament tal-Qorti Ewropea juri bic-car li l-uzu ta' stqarrijiet maghmula sabiex wiehed jottjeni vantagg ma jwasslux immedjatament jew sempliciment bl-introduzzjoni taghhom bhala prova ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.[21]

Fi kwalunkwe kaz bhal dan il-Qorti trid tara l-proceduri fl-intier taghhom sabiex tkun tista' tikkunsidra d-drittijiet tad-difiza u anke l-interess tal-pubbliku u tal-vittma fil-prosekuzzjoni tar-reat[22] u fejn il-process ghadu ma giex konkluz il-lanjanza ma tkunx tista' tigi sindikata.

Huwa mehtieg li l-process jigi sindikat fl-intier tieghu sabiex din il-Qorti tkun tista' tevalwa jekk dik il-prova tkunx giet ammessa fil-gudizzja ta' htija, jekk id-difiza kelliex opportunitajiet biex tressaq kontro-ezami fuq dik ix-xhieda u jekk sehhewx kontrolli ta' dik ix-xhieda mill-qorti kompetenti stess.

**Rimedju Xieraq**

Ir-rimedju mitlub mir-rikorrent u cioè li x-xhieda dikjarata ammissibbli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma tigix prodotta fil-proceduri kriminali kontra l-esponent huwa rimedju li ma jispettax lil dina l-Onorabbli Qorti billi:

(a) d-decizjoni dwar l-ammissibilità o meno ta' xhieda fil-process penali tispetta l-ewwel lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghal dak li jirrigwarda l-istadju tal-kumpilazzjoni u preservazzjoni tal-prova u fit-tieni lok lil Qorti Kriminali ghal dak li jirrigwarda l-istadju tal-gudizzju ta' htija, b'tali mod li dina l-Onorabbli Qorti ma tistax taqdi funzjoni ta' qorti tal-appell

[21] Verhoek v. Netherlands, 27 Jannar 2004, Applikazzjoni Nurmu 5445/00; Cornelis v. Netherlands, 10 Dicembru 1992, Applikazzjoni Numru 16034/90;

[22] Habran and Dalem v. Belgium, 17 Jannar 2017, Applikazzjoni Numru 43000/11 u 49380/11, paragrafu 96

mill-ewwel qorti u ma tistax tissindika dak li forsi tista' taghmel il-Qorti Kriminali qabel ma dik il-qorti tinghata l-opportunita li taghmel id-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni;

(b) l-ghoti tar-rimedju mitlub ikun qieghed icahhad lil qrati penali, specjalment lil Qorti Kriminali fil-futur, minn dik id-diskrezzjoni u r-responsabbilità li hija ghandha biex tmexxi l-proceduri penali fejn sahansitra ghandu jkun l-Imhallef sedenti li jaghti mhux biss decizjoni dwar l-ammissabilità, izda ukoll jaghti direzzjonijiet u gwida lil gurati fil-konfront ta' dik ix-xhieda;

(c) d-decizjoni dwar l-ammissibilità o meno trid tittiehed fid-dawl tal-proceduri fl-intier taghhom u dan sabiex ma tigix mittiefsa d-diskrezzjoni gudizzjarja li l-ligi taghti lill-qrati ta' kompetenza penali u ghalhekk se mai jkun il-kaz li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-lanjanza ghandha tintlaqa r-rimedju ghandu jkun limitat ghal dikjarazzjoni li ghandha tingieb ghall-attenzjoni tal-Qorti Kriminali fl-istadju opportune meta din tigi msejjha tiddeciedi fuq l-ammissibilità ta' din il-prova u kif ghandha titmexxa dik il-prova.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi d-digriet tal-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tal-10 ta' Novembru 2020 jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Bħala rimedju, huwa qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-informazzjoni li huwa kien ta lill-Pulizija, bl-iskop li jingħata maħfra presidenzjali, ma tistax tiġi prodotta bħala prova fil-proċeduri kriminali kontrih.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Id-deċiżjoni odjerna hija limitata għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża, u cioè illi:

1. Proċeduri kostituzzjonali m'humiex appell mid-deċiżjonijiet tal-Qrati ordinarji;

2. Il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni Ewropea stante li

r-rikorrent għad għandu rimedji ordinarji disponibbli sabiex jindirizza l-ilmenti tiegħu;

3. L-azzjoni hija intempestiva.

Mill-atti jirriżulta illi r-rikorrenti jinsab akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja *inter alia* b'kompliċità f'omiċidju volontarju.

Qabel ma ġew inizjati dawn il-proċeduri, jiġifieri fil-mori tal-investigazzjonijiet, ir-rikorrent kien informa lill-uffiċjali investigattivi illi huwa kellu xi informazzjoni li setgħet tgħinhom fl-investigazzjoni tagħhom u li xtaq illi jingħata maħfra presidenzjali għal din l-informazzjoni. Peress illi l-uffiċjali investigattivi talbuh jgħaddilhom din l-informazzjoni, sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar din it-talba għall-maħfra presidenzjali, seħħew diversi laqgħat ġewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn ir-rikorrent ta din l-informazzjoni.

Skont ir-rikorrent, kien hemm ftehim ċar bejn il-partijiet kollha li din l-informazzjoni kienet ser tintuża biss u unikament għall-finijiet tat-talba għall-maħfra presidenzjali u li din l-informazzjoni ma setgħet qatt tintuża kontra r-rikorrent.

Ir-rikorrent jgħid ukoll illi fl-ebda waqt f'dan il-proċess ma ngħata s-solita twissija skont il-liġi u ċioè li għandu d-dritt għas-silenzju u li dak kollu li ser jgħid jista' jinġieb bi prova kontrih.

It-talba tar-rikorrent għall-maħfra presidenzjali kienet ġiet miċħuda. Fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja, u ċioè permezz ta' rikors tas-6 ta' Novembru 2020, il-*parte civile* talbet sabiex il-Pulizija jixhdu dwar dak li kien qal ir-rikorrent waqt li kien arrestat, inkluż allura dik l-informazzjoni li kien għadda lill-Pulizija għall-finijiet tat-talba għall-maħfra presidenzjali.

Id-difiża opponiet għal din it-talba. Permezz ta' digriet tal-10 ta' Novembru 2020, il-Qorti Istruttorja laqgħet it-talba tal-*parte civile* fis-sens illi:

*"il-Pulizija prosekuturi għandhom jixhdu dwar l-istqarrija li għamel l-imputat għall-fini li jingħata Maħfra Presidenzjali, iżda limitatament safejn din tikkonċerna l-involviment tal-imputat fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u mhux informazzjoni dwar delitti oħrajn li mhux dawk li jinsab akkużat bihom l-imputat odjern."*

Ix-xhieda ddeponew fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2020. Fuq talba tad-difiża, il-Qorti Istruttorja ordnat divjet fuq il-pubbliċità tad-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda li fil-fatt iddeponew bil-magħluq bl-esklużjoni tal-istampa u tal-pubbliku.

Konsegwentement, jgħid ir-rikorrent, din il-informazzjoni li xehdu dwarha l-Uffiċjali Prosekuturi hija ammissibbli bħala prova, bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq stante li:

1. L-informazzjoni ngħatat b'mod kunfidenzjali lill-pulizija bl-għan uniku li jingħata l-maħfra presidenzjali;

2. Ingħatat mingħajr ma r-rikorrent ingħata s-solita twissija;

3. L-użu ta' din l-informazzjoni fil-proċeduri kriminali twassal għall-ksur tal-jedd li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu;

4. Il-proċedura skont l-artikolu 659 tal-Kap. 9 ma ġietx segwita.

Il-Qorti tqis illi f'din il-kawża għandha tibda billi tenfasizza li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tiffunzjona ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Il-proċeduri kostituzzjonali u dawk taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.

Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

*"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, mhijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2012, irriteniet:

> *"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta'* ***Jacobs and White****, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha* ***"fourth instance" doctrine****, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*
>
> ***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***
>
> ***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***
>
> ***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***
>
> ***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***
>
> ***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.****"*

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

> *"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa*

*b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

Jigi senjalat ukoll li l-eċċepjent Avukat tal-Istat jagħmel sottomissjonijiet finali dwar l-intempestività tal-kawża fl-istess kuntest tal-eċċezzjoni tiegħu dwar in-non eżawriment ta' rimedji ordinarji. Madanakollu, dawn huma żewg eċċezzjonijiet distinti billi l-intempestività tirreferi għall-ħtieġa o meno li wieħed jistenna l-konklużjoni tal-proċeduri ordinarji kollha qabel ma jiġi investigat ilment taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Madanakollu, stante li l-intervenuti fil-kawża eċċepew ukoll l-intempestività tal-azzjoni, il-Qorti ser tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet.

L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proviso relattiv jipprovdu l-istess iżda b'riferenza għad-drittijiet skont dik il-Konvenzjoni.

Dwar l-eċċezzjoni tan-non eżawriment ta' rimedji ordinarji, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Edgar Publio Bonnici Cachia vs Avukat Ġenerali, tad-29 ta' April 2014, elenkat is-segwenti prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu għad-dispozizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*"(a) Meta jidher car li jesistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.*

*(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalità, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.*

*(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.*

*(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.*

*(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(f) L-ezercizzju minn Qorti tal-ewwel grad tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.*

*(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*(h) Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta' dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta` dawk is-setghat."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Alfred Degiorgio vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, tas-16 ta' Diċembru 2019, qalet hekk:

*"Il-liġi ma tridx li rikorrent ikollu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji taħt liġi ordinarja u minflok jipproponi kawża kostituzzjonali li fiha jilmenta li sofra leżjoni ta' drittijiet fundamentali. Il-liġi ordinarja hi biżżejjed u r-rikorrent għandu fl-ewwel lok jeżawrixxi r-rimedji li jkollu tat dik il-liġi."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali, tas-16 ta' Marzu 2011, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"14. Din il-qorti tibda biex tgħid illi r-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu*

*qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed.*

*15. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament."*

Finalment, issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2006 fil-kawża fl-ismijiet Nardu Balzan Imqareb vs Reġistratur ta-Qrati tal-Ġustizzja, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġie ritenut illi:

*"Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu."*

Applikati dawn il-prinċipji għal din il-kawża, il-Qorti tqis illi l-intimat u l-intervenuti fil-kawża għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom.

Id-dover tal-Qorti Istruttorja huwa li tiġbor u tikkonserva l-provi. Dwar l-ammissibiltà ta' dik il-prova, ir-rikorrent jista', jekk u meta jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża, iressaq eċċezzjoni quddiem il-Qorti Kriminali u dan skont ma jipprovdu l-artikoli 438(2) u 449 tal-Kap. 9. Hija l-Qorti Kriminali, u fl-eventwalità ta' appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali, li hija kompetenti tiddeċiedi dwar l-ammissibiltà tal-prova u allura huwa ċar li r-rikorrent fil-fatt għandu rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tiegħu fiz-zmien opportun.

Meta wieħed iqis l-ilmenti kollha sollevati, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali milli jindirizzaw l-ilmenti tiegħu. Il-fatt illi ma jaqbilx

mad-digriet tal-Qorti Istruttorja ma jfissirx illi ġie leż jew ser jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, partikolarment meta ghandu l-jedd jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' eċċezzjoni appożita.

Ukoll jekk ifalli fl-attentat tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent xorta jibqghalu d-dritt li jikkontrolla dik il-prova billi jippreżenta prova kuntrarja u li jagħmel mistoqsijiet in kontro eżami inkluż li jindirizza lill-ġurati dwar ir-rilevanza tax-xhieda u ċ-ċirkostanzi li fiha ngħatat.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, madanakollu, tqis ukoll illi l-azzjoni tal-lum hija intempestiva. F'dan il-każ il-kumpilazzjoni tal-provi għadha għaddejja u l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom pendenti. Hu prinċipju assodat li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq jinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha u għalhekk, fejn il-proċess kriminali għadu għaddej, bħal fil-każ tal-lum, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet tiegħu, hija intempestiva.

Fis-sentenza Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et, tas-16 ta' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi:

> *"…huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem tal-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi dritt fondamentali."*

Kif proprju qalet il-Qorti Kriminali fil-każ The Republic of Malta vs Anna-Maria Beatrice Ciocanel, deċiża fil-5 ta' Diċembru 2013:

> *"It is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."*

Kif osservat ukoll il-Qorti Ewropea fil-każ Van Mechelen and Others v The Netherlands, tat-23 ta' April 1997:

> *"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair."*

Fil-fatt, fl-imsemmi każ ta' Morgan Egi Egbomon vs Avukat Ġenerali, il-Qorti Kostituzzjonali kienet kompliet hekk:

> *"19. Għalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-Appellant, kemm għax l-Appellant għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedji u l-mezzi ta' ħarsien kollha li jagħtih il-proċess penali – u għalhekk għad għandu rimedji taħt il-liġi ordinarja – u kif ukoll għax din il-qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu – għax għadu ma sarx – biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju iżolat, iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispożizzjoniiet tal-liġi attakkati."*

L-istess ħaga qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v Malta:

> *"In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.*
>
> *The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, ... § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).*
>
> *The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature."*

Fuq skorta tal-ġurisprudenza rilevanti, il-Qorti hija tal-fehma illi sabiex tikkonkludi dwar lezjoni o meno illum li l-proċeduri kriminali jiġu fi tmiemhom. F'dan l-istadju, din il-Qorti mhijiex f'posizzjoni tikkunsidra l-ilmenti fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tagħmel evalwazzjoni ta' kif dak li jilmenta dwaru r-rikorrenti ser jinċidi fuq il-verdett finali.

Fil-każ preżenti, huwa biss wara verdett finali li r-rikorrent jista' jressaq l-allegazzjonijiet tiegħu ta' ksur tad-drittijiet fundamentali għaliex huwa biss wara li jkun hemm deċiżjoni finali mill-Qrati ta' kompetenza kriminali li l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jistgħu jagħmlu evalwazzjoni dwar jekk seħħx jew le dan l-allegat ksur.

Mhuwiex rilevanti li l-informazzjoni li ta r-rikorrent kienet relatata mat-talba għall-maħfra presidenzjali. Din hija kwistjoni ta' xhieda preservata għall-finijiet ta' proċeduri kriminali. Il-Qorti ttenni li l-Qorti Istruttorja qiegħda sempliċiment tikkonserva l-prova u mhux tiddeċiedi l-ħtija o meno tar-rikorrenti.

Fuq kollox, id-deposizzjoni tal-Uffiċjali Prosekuturi ngħatat bil-magħluq u r-rikorrent ma weriex li sofra xi preġudizzju f'dan l-istadju. Ir-rikorrent talab li din il-prova tiġi konservata mingħajr ma tikkawżalu l-ebda dannu u b'hekk il-Qorti Istruttorja ordnat divjet fuq il-pubbliċità tad-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda li fi-fatt iddeponew bil-magħluq u bl-esklużjoni tal-istampa u tal-pubbliku. Dan mhuwiex xi każ fejn kienet ser iseħħ jew seħħ xi preġudizzju irrimedjabbli. Ifisser ukoll li r-rikorrent kellu wkoll rimedju ordinarju anke quddiem il-Qorti Istruttorja.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll għal dak li jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights, Tieni Ed., paġna 202 u 204:

> "*Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6[1] [fn. 5, See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case, 'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': Harper v UK No 11229/84, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44]*
>
> *…*
>
> *In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighted by other aspects of the hearing [fn. 8 See eg, Stanford vs UKA 282-A [1994]] or that is rectified on appeal [fn. 9 See eg, Edwards vs UK A*

*247-B [1992]; 15 EHRR 417] will not involve a breach of Article 6."*

Għaldaqstant, dak li qed jilmenta dwaru r-rikorrent jista' jiġi indirizzat mill-Qorti Kriminali meta jkun il-waqt u kwalunkwe lment kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni tinneċessita eżami tal-proċeduri kollha fl-intier tagħhom. Certament ma jistax, f'dan l-istadju, jiġi investigat dan l-episodju waħdu.

Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat u mill-intervenuti fil-kawża billi jirriżulta li r-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrent għadhom ma ġewx eżawriti kif ukoll illi din l-azzjoni hija intempestiva.

Konsegwentement, teħles lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG